10 ta' Jannar, 1944.

**Imħallef:**

**L-Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, LL.D.**

**Il-Qorti *versus* Pawlu Borg**

**Awtorità tal-Qorti — Disprezz — Apoloġija — Art. 1013 tal-Liġijiet ta' l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.**

*Ix-xhud li waqt seduta quddiem perit jaqbad u jitlaq 'il barra għax isirulu xi insistenzi minn min ikun qiegħed jeżaminah, jirrendi ruħu ħati ta' disprezz għall-awtorità tal-Qorti.*

*Il-fatt li l-ħati ta' dan id-disprezz jitlob skuża inkondizzjonatament ma jħassarx ir-reat tiegħu; jista' biss jinfluwixxi fuq il-piena.*

Il-Qorti — Rat it-taħrika, li biha l-imħarrek ġie mressaq quddiem dil-Qorti biex iwieġeb għall-akkuża li huwa rrenda ruħu ħati ta' disprezz għall-awtorità ta' dil-Qorti skond l-art. 1013 tal-Liġijiet ta' l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, jew kull ieħor applikabili għall-każ, billi rrifjuta li jwieġeb fix-xhieda u qabad u telaq 'il barra fis-seduta tat-3 ta' Diċembru li nżammet mill-perit ġudizzjarju fil-kawża in re "Carmela Borg vs. Paolo Borg et." pendenti quddiem din il-Qorti;

***Omissis;***

Mix-xhieda ta' l-Avukat Dr. Tommaso Fenech jirriżulta li l-imħarrek, tajjeb jew ħażin, kien wieġeb għal mistoqsija li saritlu; iżda peress li saret xi insistenza da parti ta' min kien qiegħed jeżaminah, huwa qabad u telaq minn rajh mis-seduta, u b'hekk wera disprezz kbir għall-awtorità ta' dil-Qorti;

Peress li l-imħarrek talab skuża inkondizzjonatament lill-Qorti, il-Qorti tieħu in konsiderazzjoni dik l-iskuża; iżda l-iskuża ma tħassarx ir-reat, u għalhekk tinfluwixxi biss fuq il-grad tal-piena;

Għaldaqshekk il-Qorti, wara li rat l-art. 1013 tal-Liġijiet ta' l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, tiddikjara lill-imħarrek Pawlu Borg ħati ta' disprezz għall-awtorità tal-Qorti kif intqal f'dis-sentenza, u għalhekk tikkundannah għall-multa ta' lira sterlina (£1).

---